Imla l-formola ta' applikazzjoni li tinsab hawn taħt, u ibgħatielna llum flimkien ma' kopja tal-karta tal-identità tiegħek. Tista' wkoll tapplika minn fuq is-sit elettroniku **www.mca.org.mt/ictforall**

*Applikazzjonijiet jgħalqu fil-11 ta' Novembru 2011*

# Formola tal-Applikazzjoni...

**Titlu** ☐ Mr. ☐ Ms. ☐ Oħrajn ......................................................

**Isem u Kunjom** ......................................................

**Data tat-twelid** ......................................................

**Indirizz** ......................................................

**Triq** ......................................................

**Lokalita'**........................................ Kodiċi Postali ......................................

**Numru tal-ID**.............................................................( )

**Numru tat-Telefon** ......................................................

**Numru tal-Mobajl** ......................................................

## *Korsijiet offruti:* *(Immarka kaxxa waħda biss)*

☐ ***ICTforALL (Kors bażiku)***
(Kors bla ħlas. Il-manwal ta' taħriġ jiswa €5)

*Jew*

☐ ***Microsoft Digital Lifestyles***
(Ħlas ta' €12 qabel jibda' l-kors. Manwal ta' taħriġ inkluż fil-prezz)

*Jew*

☐ ***Microsoft Productivity Programs***
(Ħlas ta' €20 qabel jibda l-kors. Manwal ta' taħriġ inkluż fil-prezz)

*Jew*

☐ ***Microsoft Digital Lifestyles u Microsoft Productivity Programs***
(Ħlas ta' €32 qabel jibda l-kors. Manwal ta' taħriġ inkluż fil-prezz)

*Ma tistax tapplika għat-tliet korsijiet f'daqqa. Nissuġġerixxu li min m'għandux bażi fl-użu tal-kompjuter japplika għall-ICTforALL, filwaqt li dawk li diġà jafu jużaw il-kompjuter imma jixtiequ jitgħallmu aktar jattendu għal wieħed jew aktar mill-korsijiet tal-Microsoft.*

......................................................

**Firma**

*Ibgħat din il-formola f' dan l-indirizz:*
**Kaxxa Postali 10, Triq Ħal-Qormi, Marsa.**

# Mistoqsijiet li jsiru ta' spiss...

1. **Min jista' japplika għal dawn il-korsijiet?**
   *Jistgħu japplikaw persuni ta' età ta' 25 sena 'l fuq.*

2. **Kif nista' napplika?**
   *Tista' tapplika billi tiġbor applikazzjoni mill-Kunsill Lokali tal-lokalità tiegħek, timliha u tibgħatha fuq l-indirizz **ICTforALL, Kaxxa postali 10, Triq Ħal-Qormi, il-Marsa**. Tista' wkoll iżżur is-sit www.mca.org.mt/ictforall u timla l-formola onlajn.*

3. **Nista' napplika għal iktar minn kors wieħed?**
   *Dan jiddependi fuq il-livell ta' għarfien tiegħek. Jekk qed tfittex li tikseb livell bażiku ta' ICT, għandek tapplika għall-kors ICTforALL biss. Jekk inti diġà għamilt dan il-kors jew diġà għandek livell bażiku ta' għarfien, tista' tapplika għal wieħed jew aktar mill-korsijiet Microsoft Digital Literacy. Ma tistax tapplika għall-kors ICTforALL u għal dak tal-Microsoft fl-istess ħin.*

4. **Nista' napplika għall-kors ICTforALL jekk diġà attendejt għal kors jew diġà ibbenefikajt mill-vawċer?**
   *Le. F'dan il-każ inħeġġuk tapplika għall-korsijiet Microsoft Digital Literacy.*

5. **X'jiġri wara li napplika? Kif ser inkun naf jekk l-applikazzjoni tiegħi ġietx aċċettata jew le?**
   *Meta l-Awtorità tirċievi l-applikazzjoni tiegħek, din l-applikazzjoni tiġi pproċessata biex jiġi ddeterminat jekk intix eliġibbli biex tattendi għall-kors partikolari. Jekk inti eliġibbli, l-Awtorità tibagħtlek vawċer, li jissarraf għall-kors rispettiv. Mal-vawċer se jintbagħtulek ukoll aktar dettalji, inkluż informazzjoni dwar iċ-ċentri fejn ikun se jingħata l-kors. In-numru ta' vawċers li jistgħu jinħarġu f'din l-iskema huwa limitat. B'hekk, l-applikanti jintgħażlu fuq bażi **first-come-first-served** u fuq il-bażi tal-eliġibbiltà tagħhom.*

6. **Meta se jsir it-taħriġ?**
   *Il-korsijiet jibdew fil-ġimgħat li ġejjin u se jingħataw fuq medda ta' madwar disa' xhur. L-applikanti se jitqassmu fi gruppi żgħar sabiex kull persuna tingħata attenzjoni individwali.*

7. **Fejn nista' nċempel jekk għandi xi diffikultà?**
   *F'każ ta' diffikultà ċempel lill-MCA fuq 21255495, mit-Tnejn sal-Ħamis bejn it-9.00am u l-4.30pm, jew il-Ġimgħa bejn it-9.00am u s-2.00pm. **Ma tistax tapplika għall-korsijiet bit-telefon.***

***Should you wish to have an English version of this leaflet, contact us directly on 21255495 and a hard copy will be sent to you by ordinary mail.***

mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

Valletta Waterfront,
Ix-Xatt ta' Pinto, Valletta FRN 1913
www.mca.org.mt

ict FOR ALL

*Kors tal-kompjuter 2011*

# Ibbenefika minn korsijiet dwar l-użu tal-kompjuter u tal-Internet. **Applika għall-vawċer illum.**

*"Kont nibża nipprova nitgħallem xi ħaġa ġdida - kienet sfida għalija. Imma meta nħares lura, nirrejalizza li l-użu tal-kompjuter jagħmel il-ħajja u l-bżonnijiet ta' kuljum aktar faċli, kollox b'għafsa ta' buttuna! Il-kors tal-ICT għini nagħmel 'ħabib' ġdid u l-kompjuter tejjibli ħajti u sar xi ħaġa indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum."*

**Anthony Muscat** | 64 – *Pensjonant miż-Żejtun*



## KORS 1: ICT FOR ALL *Basic*

**TUL TAL-KORS:** 20 siegħa mqassmin fuq 10 ġimgħat

**VALUR:** €35

*B'Xejn*

- ✓ Tkellem ma' qrabatek li joqogħdu barra minn Malta, jew iktbilhom, permezz tal-Internet.
- ✓ Ixtri prodotti u servizzi jew ħallas il-kontijiet mill-kumdità ta' darek.
- ✓ Żomm ruħek aġġornat mat-tfal tiegħek, għallimhom dwar l-aħjar prattiki u l-benefiċċji tal-Internet u tal-kompjuter.

Fil-kors ***ICTforALL Basic*** titgħallem dwar teknoloġiji essenzjali u dwar kif għandek tużahom fil-ħajja tiegħek ta' kuljum. Il-kors jgħinek ukoll issir aktar effettiv fuq il-post tax-xogħol.

**SUĠĠETTI INKLUŻI FIL-KORS:**

1. Introduzzjoni għall-ħajja diġitali
2. Kif tuża l-kompjuter tiegħek
3. L-Internet
4. Kif tuża l-Internet
5. Il-posta elettronika
6. Servizzi elettroniċi tal-Gvern
7. Il-komunikazzjoni diġitali
8. Il-midja diġitali
9. Servizzi bankarji bl-Internet u l-kummerċ elettroniku
10. Reviżjoni

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) qed toffrilek l-opportunità li tattendi għal dan il-kors **bla ebda ħlas.**
Applika għal vawċer ta' €35 illum. Il-manwal ta' taħriġ jinxtara separatament għall-prezz ta' €5.

## KORS 2: Microsoft *Digital Lifestyles*

**TUL TAL-KORS:** 12-il siegħa mqassmin fuq 6 ġimgħat

**VALUR:** €24 ***Tħallas biss €12***

*Iffranka €12*

- ✓ Tgħallem kif tuża l-fotografija diġitali, jew kif tara r-ritratti li tkun ġbidt u tibgħathom lil sħabek jew lil qrabatek permezz tal-posta elettronika.
- ✓ Tgħallem kif tuża l-video diġitali sabiex tkun tista' tirrekordja okkażjonijiet speċjali u tarahom fuq il-kompjuter, jew fuq is-*CD player* jew id-*DVD player* tiegħek.
- ✓ Tgħallem kif tuża l-videoconferencing biex tikkomunika mal-familja jew mal-ħbieb tiegħek li jkunu msiefrin.

Fil-kors ***Microsoft Digital Lifestyles*** titgħallem dwar teknoloġiji diġitali ġodda.

**SUĠĠETTI INKLUŻI FIL-KORS:**

1. Esperjenza diġitali
2. Introduzzjoni għall-Audio Diġitali
3. Introduzzjoni għall-Video Diġitali
4. Introduzzjoni għall-Fotografija Diġitali
5. It-Teknoloġija Diġitali u Opportunitajiet ta' Xogħol
6. Sommarju tal-Modulu

Dan il-kors jiswa €24, u l-prezz jinkludi wkoll il-manwal ta' taħriġ.
L-MCA qed toffrilek vawċer ta' €12 sabiex tattendi dan il-kors.

Microsoft Unlimited Potential UP

## KORS 3: Microsoft *Productivity Programs*

**TUL TAL-KORS:** 18-il siegħa mqassmin fuq 9 ġimgħat

**VALUR:** €35 ***Tħallas biss €20***

*Iffranka €15*

- ✓ Tgħallem ikteb dokumenti jew ittri kemm għax-xogħol kif ukoll għall-użu personali tiegħek.
- ✓ Tgħallem kif tħaddem programmi partikolari li jiffaċilitawlek ix-xogħol tiegħek.
- ✓ Skopri metodi ġodda kif tagħmel preżentazzjoni ta' proġett b'mod grafiku.
- ✓ Tgħallem kif tiġbor informazzjoni dwar in-negozju tiegħek biex b'hekk toħroġ statistika li tista' tiġi evalwata bl-iskop li ttejjeb il-bejgħ tiegħek.

Fil-kors ***Microsoft Productivity Programs*** titgħallem l-affarjiet fundamentali dwar *word processing, spreadsheets, power point presentations u databases.*

**SUĠĠETTI INKLUŻI FIL-KORS:**

1. Introduzzjoni għal Programmi ta' Produttività
2. Karatteristiċi u kmandi komuni
3. Introduzzjoni għall-*Word Processors*
4. Introduzzjoni għal Programmi għall-ħolqien ta' *Spreadsheets*
5. Introduzzjoni għal Programmi għall-ħolqien ta' Preżentazzjonijiet
6. Introduzzjoni għal Programmi tad-*Database*
7. Sommarju tal-Modulu

Dan il-kors jiswa €35, u l-prezz jinkludi wkoll il-manwal ta' taħriġ.
L-MCA qed toffrilek vawċer ta' €15 sabiex tattendi dan il-kors.

Microsoft Unlimited Potential UP

*"Jien attendejt kors qabel ma bdejt in-negozju tiegħi u għini ħafna. Illum, jien nuża l-email bħala mezz ta' komunikazzjoni u nuża spread sheets biex inżomm rendikont tal-finanzi tiegħi. Il-kompjuter sar importanti għalija daqs kemm hu mportanti l-mobajl."*

**Ludvig Calleja** | 37 – *Turnkey Contractor mill-iMġarr*





*"Inħobbu wisq il-kompjuter. Inħallas il-kontijiet kollha tal-familja, nuża l-Internet banking u nixtri online...kif ukoll nitkellem mal-qraba tiegħi fl' Awstralja b'xejn minn fuq l-Internet. Ma nistax nifhem kif kont ngħix mingħajru qabel! Applika llum u ħajjtek tinbidillek għall-aħjar."*

**Joyce Attard** | 38 – *Mara tad-dar mix-Xgħajra*